**13 Mejju 2004**

## Hatriet godda ta' Spetturi fil-Korp tal-Pulizija

Il-Vici-Prim Ministru u Ministru tal-Gustizzja u l-Intern Dr Tonio Borg, fil-prezenza tal-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur John Rizzo, ta l-ittra ta' hatra lil 24 Spettur. Minn dawn 16 kienu diga membri tal-Korp tal-Pulizija, fil-waqt li l-kumplament dahlu minn barra l-Korp.

Meta kellem lill-ispetturi l-godda il-Vici Prim Ministru u Ministru ta' l-Intern, Dr Tonio Borg stqarr li din l-okkazzjoni jqabilghha ma' maghmudija, fejn issa dawn l-Ispetturi godda ser jigu addotatti minn familja gdida u li hija festa ta' ferh ghal kulhadd wara s-sagrificcji kbar li ghamlu kemm huma kif ukoll il-familjari taghhom.

Huwa sostna li llum il-gurnata permezz ta' bdil fil-ligijiet Maltin kull Pulizija ghandu poteri godda biex iħares lic-cittadin kemm fil-glieda kontra l-kriminalita' kif ukoll fil-gliediet kontinwi li dawn ma jonqsu qatt.

Il-Vici Prim Ministru u Ministru kompla jghid li ghalkemm xoghol il-Pulizija huwa difficli fl-istess hin huwa sodisfacenti u ghalhekk huwa mportanti li wiehed jiehu iktar inizjattiva f'dak li jkun qed jaghmel, dejjem ghall-ahjar tal-Korp. Huwa kkonkluda billi qal li l-Pulizija hija tezor u li l-fiducja li c-cittadin ghandu fil-Pulizija ghandha tibqa' u tikber.

Fid-diskors tieghu il-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur John Rizzo qal li permezz ta' dawn il-hatriet godda ser titjieb l-organizazzjoni kemm dik amministrattiva kif ukoll ezekuttiva. Il-Kummissarju sostna li l-process ta' tigdid huwa wiehed kontinwu biex inkunu lesti ghall-isfidi godda li dawn ma jonqsu qatt.

Il-Korp tal-Pulizija bhal kull haga ohra jinsab fi stadju ta' modernizazzjoni fejn ghandna sezzjonijiet godda b'apparat l-aktar modern u sofistikat li jhabbatha ma' pajjizi akbar minna.

Bid-dhul ta' Malta fl-Unjoni Ewropea, il-Pulizija, permezz tal-Ministeru ta' l-Intern ghandha raprezentant Attache fi Brussel, fejn huwa jkun jista' jattendi ghal laqghat li huma koncernati mal-Korp tal-Pulizija. Wiehed ma jistghax ma jsemmiex l-iffirmar li sar fis-6 ta' April, 2004, fejn Malta saret ufficjalment membru fil-Europol.

Il-Kummissarju ikkonkluda billi sostna li l-Pulizija hija t-tarka tac-cittadin u li qatt ma ghandna nibzghu fid-decizzjonijiet li wiehed jiehu, u li dejjem jaraw li dawn ikunu fis-sewwa. Fl-ahhar, il-Kummissarju rringrazzja lil familjari ta' l-Ispetturi ghas-sagrificcju kbir li ghamlu biex l-Ispetturi waslu sa dan l-istadju.

L-Ispettur l-godda huma:

Spettur Carmelo Abdilla
Spettur George Cremona
Spettur Etienne Calleja
Spettur Roland Cassar
Spettur Brian Zahra
Spettur Therese Sciberras
Spettur Claudine Vella
Spettur Kevin Borg
Spettur Johann Joseph Fenech
Spettur Trevor Sammut
Spettur Malcolm Spiteri
Spettur Angelo Gafa'
Spettur Daniel Zammit
Spettur Pierre Grech
Spettur Mario Haber
Spettur Raymond Aquilina
Spettur Victor Aquilina
Spettur Jesmond Borg
Spettur Joseph Hersey
Spettur Anthony Portelli
Spettur Alex Grech
Spettur Anthony Agius
Spettur Raymond Cassar
Spettur Antonovitch Muscat